# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta taʼ nhar it-Tnejn tnejn (2) taʼ Lulju 2018**

**Rikors Numru 9/16 FDP**

**Maria Concetta Grixti**
**(ID 387159M)**

**vs**

**Argus Insurance Agencies Limited in rappresentanza tas-socjeta estera**
**Argus Insurance Co (Europe) Limited**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fl 14 ta’ Jannar 2016 fejn ir-rikorrenti talbet lill-Qorti sabiex tikkudanna lis-socjeta intimata tonora l-polza tal-assikurazzjoni mahruga fuq il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni TAXI116M u konsegwentement thallas id-danni naxxenti mill-‘claim’ numru 2015PRI1743, riferibbilment ghal kaz ta’ hruq, liema ‘claim’ ma teccedix is-somma ta’ €9,000.

Rat ir-risposta tas-socjeta intimata ppresentata fid 19 ta’ Frar 2016 fejn laqghet ghal dak mitlub billi qalet is-segwenti:

> *Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-Dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez, u dan in vista tal-fatt illi fil-mument illi giet konkluza l- polza illi abbazi taghha qieghda tressaq il-pretensjoni taghha l-attrici, din tal- ahhar hbiet fatti sostanzjali mis-socjeta eccipjenti, kif ser jigi pprovat waqt it-trattazzjoni tal-kawza - dan iwassal ghan-nullita tal-polza b' dan allura illi l-attrici ma ghandha l-jedd illi tressaq l-ebda talba abbazi tal-istess;*
>
> *Illi I-fatti illi wasslu ghal dan il-kaz huma s-segwenti:*
>
> *Illi nhar il-31 ta' Ottubru 2014 l-attrici kienet issottomettiet Proposal Form mas-socjeta esponenti sabiex tinhareg polza ta' assigurazzjoni tat-tip Comprehensive fuq il-vettura*

*bin-numru ta' registrazzjoni TAXI 116M u dan hekk kif jirrizulta mill-istess Proposal Form hawn annessa u mmarkata bhala DOK.RF1;*

*Illi b'risposta ghall-mistoqsija kontenuta fil-Proposal Form [DOK. RF1] dwar jekk l-attrici jew xi persuna ohra illi kienet ser issuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni TAXI 116M, qatt xi darba kellhom xi telf, incident, jew claim fl- ahhar hames (5) snin in konnessjoni ma' xi vettura [mistoqsija numru 8], l-attrici hbiet mis-socjeta esponenti l-fatt illi effettivament kien hemm incidenti varji fosthom fl-1 ta' Gunju 2009 fil-Mellieha, fil-25 ta' Novembru 2013 fi Triq is-Sebh, Qormi, fl-4 ta' Frar 2014 fi Triq ix-Xatt, Pieta, kif ukoll fis-26 ta' Gunju 2014, fTul il-Kosta, Naxxar - dawn il-fatti qatt ma kienu maghrufa lill-esponenti f'dak l-istadju;*

*Illi tali gideb da parti tal-attrici jikkostitwixxi ksur tal-kundizzjonijiet tal-kuntratt ta' assigurazzjoni konkluz bejn is-socjeta' esponenti u l-attrici, illi jirrikjedi ili l-partijiet jagixxu b'uberrimae fides, u kwindi illi l-assigurat jinforma lill-assiguratur tieghu bil-fatti kollha sostanzjali illi jistghu jimpingu fuq l-evalwazzjoni da parti tal-assiguratur tar-riskju illi jkun ser jassumi meta johrog il-polza ta' assigurazzjoni. Ovvjament, in-nuqqas ta informazzjoni da parti tal-attrici rreka pregudizzju lis-socjeta esponenti illi giet b'hekk prekluza milli tevalwa sewwa r-riskju attwali illi hija kienet qieghda tiehu meta accettat it-talba tal-attrici sabiex tinhareg il-polza tal- assigurazzjoni bin-numru 3970PRI142797;*

*Illi ricentement, b'danakollu, wara illi tressqu serje shiha ta' claims in konnessjoni mal-polza in kwistjoni, l-esponenti rnexxielha tiskopri illi, sahansitra minn qabel ma giet sottomessa l-proposal form mill-attrici, kien hemm diversi claims kif diga nghad;*

*Illi s-socjeta' esponenti ghalhekk gharrfet lill-attrici illi hija kienet qieghda tirrifjuta l-claim registrat minnha in konnessjoni mal-incident odjern kif ukoll kull claim ohra mressqa minnha, u dana permezz ta' Ittra Ufficjali datata 30 ta' Ottubru 2015 u illi giet debitament notifikata lill-istess attrici fis-6 ta' Novembru 2015, liema Ittra Ufficjali qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala DOK. RF2;*

*Illi assolutament minghajr pregudizzju ghall-premess, l-attrici ghandha ggib l-ahjar prova tal-fatti kollha minnha allegati, tal-kopertura minnha pretiza u tal-ammont ta' danni allegatament lilha rekati.*

Rat id-dokumentazzjoni ppresentati mis-socjeta intimata flimkien mal-eccezzjonjiet taghha, ossija Proposal Form datata 31 ta' Ottubru 2014 (fol 7) u Ittra Ufficjali mibghuta lir-rikorrenti mis-socjeta intimata fit 30 ta' Ottubru 2015 (fol 10).

Semghet ix-xhieda ta' **Emanuel Grixti**, illi jigi r-ragel tar-rikorrenti, moghtija fis 27 ta' Gunju 2016.

Semghet ix-xhieda ta' **Daniel Schembri**, Branch Manager tal-ufficcju ta' Haz-Zabbar ta' MelitaUnipol Insurance Brokers, prodott mir-rikorrenti u moghtija fis 6 ta' April 2017.

Semghet ix-xhieda tar-rikorrenti **Maria Concetta Grixti** moghtija fil 25 ta' Settembru 2017.

Rat illi fid 9 ta' Novembru 2017, wara illi l-Qorti rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Settembru 2017, ddikjarat il-provi rikorrenti maghluqa.

Rat l-affidavit ta’ **Max Borg Bonello**, Claims Manager tas-socjeta intimata, prodott mis-socjeta intimata u ppresentat fid 29 ta’ Jannar 2018 u rat id-dokumentazzjoni minnu ppresentata, fosthom il-claim form meritu tal-Claim Nru 2015PRI1618 meritu tal-kawza odjerna.

Rat id-dokumentazzjoni esebita mir-Registratur tal-Qorti mibghuta lilha mill-Guard and Warden Services House Limited in konnessjoni ma’ xhieda illi kellha tinghata tal-Warden 491, li ma ghadhux jahdem maghhom, liema dokumentazzjoni kienu jirrigwardaw habta illi fiha kienet involuta l-vettura TAXI116 fl-4 ta’ Frar 2014 (fol 85)

Semghet ix-xhieda tal-Warden 273 prodott mis-socjeta intimata u moghtija fit 22 ta’ Marzu 2018 u rat id-dokumentazzjoni minnu ppresentati, ossija dawk relatati ma habta illi fiha kienet involuta l-vettura TAXI116 fl-14 ta’ Lulju 2015 (fol 98)

Semghet ix-xhieda tal-Warden 265 prodott mis-socjeta intimata u moghtija fit 22 ta’ Marzu 2018 u rat id-dokumentazzjoni minnu ppresentati, ossija dawk relatati ma habta illi fiha kienet involuta l-vettura TAXI116 fl-1 ta’ Gunju 2009 (fol 106)

Semghet ix-xhieda tal-Pulizija PC 1111 prodott mis-socjeta intimata u moghtija fit 22 ta’ Marzu 2018 u rat id-dokumentazzjoni minnu ppresentati, ossija dawk relatati ma habta illi fiha kienet involuta l-vettura TAXI116 fil-25 ta’ Settembru 2015 (fol 118)

Semghet ix-xhieda tal-Ispettur Josric Mifsud prodott mis-socjeta intimata u moghtija fil 21 ta’ Mejju 2018 u rat id-dokumentazzjoni minnu ppresentati, ossija dawk relatati ma habta illi fiha kienet involuta l-vettura TAXI116 fis-26 ta’ Gunju 2014 (fol 131)

Rat illi fil 21 ta’ Mejju 2018, wara illi rat li fis-seduta tal-10 ta’ Mejju 2018 rappresentant tas-socjeta intimata ma deherx, u wara illi rat illi anek fil 21 ta’ Mejju 2018 baqa’ hadd ma deher, il-Qorti differit il-kawza ghall 11 ta’ Gunju 2018 ghal finali trattazzjoni b’dan illi wara dakinhar tihalla ghas-sentenza.

Rat illi fil 11 ta’ Gunju 2018 ma deher hadd u ghalhekk il-kawza thalliet ghas-sentenza abbazi tal-fatti prodotti quddiemha.

## Ikkunsidrat

Jirrizulta illi fil 31 ta’ Ottubru 2014 ir-rikorrenti marret gewwa l-ufficini ta’ MelitaUnipol Insurance Brokers gewwa Haz Zabbar u, fil-presenza ta’ Daniel Schembri, Branch Manager ta’ tali ufficju, mtliet il-proposal form mill-istess Daniel Schembri, stante illi r-rikorrenti ma tafx tikteb.

Jirrizulta illi sussegwentement, il-Proposal Form illi kien imtela ntbghat lis-socjeta intimata Argus Insurance Agencies Limited, illi taghha s-socjeta MelitaUnipol Insurance Brokers kienu agenti, u inharget il-polza tal-assikurazzjoni Nru 39705PRI142797. (fol 7)

Jirrizulta illi f’tali proposal form mimlija u accettata mis-socjeta intimata, ghad-domanda numru 8 “*had any loss, accident or claim during the last five years in connection with any vehicle*”, ir-rikorrenti ma imliet ebda kaxxa minnhom u ma rrispondietx ghaliha. (fol 7 tergo)

Jirrizulta illi sussegwentement, ir-rikorrenti ghamlet tlett claims fuq il-vettura taghha f’temp ta’ xaghrejn, tnejn ta’ habta, ossija fl-14 ta’ Lulju 2015 u fit 30 ta’ Awissu 2015 u t-tielet wahda, li bdiet tqajjem suspett fis-socjeta intimata, kienet ta’ hruq tal-vettura, u dana kien fil 25 ta’ Settembru 2015.

Jirrizulta illi, eventwalment, abbazi ta' stharrig illi ghamlet is-socjeta intimata, irrizulta illi r-rikorrenti kienet gia assikurata ma' kumpannija ohra u, apparti minn hekk, kellha erbgha incidenti ohra illi sehhew fil-periodu ta' hames snin ta' qabel ma saret l-assikurazzjoni, u dana fl-1 ta' Gunju 2009, 25 ta' Novembru 2013, 4 ta' Frar 2014 u 26 ta' Gunju 2014.

Jirrizulta illi eventwalment, fit 30 ta' Ottubru 2015, is-socjeta intimata bghatet Ittra Ufficjali lir-rikorrent fejn gharrfitha bil-fatt illi r-rikorrent kienet naqqset li tindika li kellha tali incidenti, liema nuqqas kien jikkostitwixxi habi ta' fatt sostanzjali, u ghalhekk s-socjeta intimata ma kienetx disposta illi tonora l-claims maghmulha mir-rikorrenti.

Jirrizulta illi sussegwentement, fl-14 ta' Jannar 2016, saret il-kawza odjerna sabiex il-Qorti tordna lis-socjeta intimata tonora l-polza tal-assikurazzjoni mahruga lir-rikorrenti.

## Ikkunsidrat

Jirrizulta, fid-difiza mqajjma mis-socjeta intimata, illi hija qieghda tirrifjuta illi tonora l-claim tar-rikorrenti peress illi n-nuqqas tar-rikorrenti illi tindika tali incidenti kien "jikkostitwixxi ksur tal-kundizjonjiet tal-kuntratt ta' assikurazzjoni konkluz bejn is-socjeta esponenti u l-attrici."

Jirrizulta illi l-kwistjoni imqajjma mis-socjeta intimata hija illi r-rikorrenti naqqset illi tagixxi b'uberrima fides, u ghalhekk il-Qorti jenhtieg illi tanalizza l-elementi ta' tali difiza.

Fis-sentenza deciza millPrim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-8 ta' Mejju, 2017, fl-ismijiet **Gasan Mamo Insurance Limited v. Van Reeven et**, ir-relazzjoni dwar id-dover ta' bona fidi impost fuq iż-żewg naħat, giet ezaminata fir-reqqa u jkun opportun illi tigi kkunsidrata. F'tali sentenza, difatti, jirrizulta illi l-Qorti, wara li rreferiet għall-prinċipju ġenerali li l-assigurat irid jikxef kull fatt materjali marbut mat-tip ta' assigurazzjoni li jkun qed jitlob, għaddiet biex teżamina l-posizzjoni ta' soċjetà assiguratriċi fil-kuntest ta' talba li tirċievi għall-ħlas ta' kumpens. Dik il-Qorti osservat hekk:

> *Il-Qorti taghraf illi l-kuntratt tal-assikurazzjoni huwa kuntratt ibbazat fuq l-'uberrimae fides' bejn il-kontendenti ghaliex huwa kuntratt ibbazat fuq riskju fortuwitu u ghalhekk s-socjeta' assiguratrici tippretendi li matul d-durata tal-kuntratt hija tigi mgharrfa pienament b'cirkostanzi mill-assikurat stess li jistghu jbiddlu l-element ta'riskju f'wiehed akar oghli.*
>
> *Infatti skond il-gurisprudenza nostrali fis-sentenza, din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta kienet iccittat lil Lord Mansfield fil-kaz* ***Carter vs Boehm****, meta dana spjega illi:-*
>
> > *"Insurance is a contract upon speculation. The special facts upon which the contingent chance is to be computed, lie most commonly in the knowledge of the insured only: the underwriter trusts to his representation and proceeds upon the confidence that he does not keep back any circumstance in his knowledge, to mislead the underwriter into a belief that the circumstance does not exist, and to induce him to estimate the risk as if it did not exist".*
>
> *Din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mbaghad irrilevat illi:*
>
> > *"l-mistoqsijiet legali jikkonċernaw l-aktar il-materjalita` tal-fatt, u kif din tigi ggudikata. Fatt ikun materjali jekk jinfluwenza d-decizjoni ta'*

> *assiguratur ragonevoli jew prudenti dwar jekk jaccettax ir-riskju jew liema tariffi se jitlob. Dan ma jfissirx necessarjament illi l-assiguratur necessarjament kien jagixxi b'mod differenti kieku kien jaf bil-fatti, izda biss li kien ikun irid jaf bil-fatt meta jkun qed jiehu d-decizjoni. "(Ara* ***Container Transport Intl Inc vs Oceanus Mutual Undewriting Association (Bermuda) Ltd*** *– 1994)".*

*F'din is-Sentenza giet ukoll iccittata s-sentenza fl-ismijiet* ***Joseph Micallef vs Jovin Rausi****, deciza nhar is-27 ta' Ottubru 2004 per Onor. Mhallef Dr. Philip Sciberras fejn intqal illi:-*

> *"In linea generali preliminari fuq dan l-aspett huwa fatt indiskuss illi dikjarazzjonijiet inezatti (jew reticenti) kontenuti fil-proposal form huma dawk li fis-sustanza jimpedixxu lill-assiguratur milli jivvaluta kif jixraq dawk ic-cirkostanzi influwenti meta jokkorri l-event dannuz assigurat, li kapaci jkabbru jew jirriducu l-alea, u ghandhom impatt fuq il-kunsens ta' l-assigurat jew il-kundizzjonijiet kuntrattwali. Problemi dawn ta' l- ahhar li jridu jigu epurati fl-ambitu ta' l-interpretazzjoni tal-klawsoli tal- polza skond il-kriterji ermenewtici stabbiliti fl-Artikoli 1002 sa 1011 tal- Kodici Civili".*

*Din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mbaghad ghamlet referenza ghall-Artikolu 10(5) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, illi jispjega s-sostanzjalita` tal-fatti mistura jew rapprezentati b'mod hazin kif gej:*

> *"F'dan l-Artikolu, il-kelma "sostanzjali" tfisser ta' xorta tali li tinfluwenza d-decizjoni ta' assiguratur prudenti meta jigi biex jara jekk ghandux jiehu r-riskju, u f'dan il-kaz, b'liema premium u taht liema kundizzjonijiet".*

*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***Salvu Briffa vs Walter Camilleri et noe****, deciza mill-Qorti ta' l-Appell nhar id-9 ta' Frar 2001, gie enuncjat illi l-obbligu illi l-assigurat jiddikjara fatt materjali jezisti "irrispettivament minn jekk hu [l-assigurat] kienx gie jew le mitlub minn din l-istess socjeta` [l- assiguratur] illi jaghmel hekk".*

*Di piu' fis-sentenza fl-ismijiet* ***Mambra Electronics Limited et vs Lloyds (Malta) Limited noe****, deciza nhar id-29 ta' April 2010 per Onor.Mhallef Dr. Abigail Lofaro, gie ritenut illi kuntratt ta' assigurazzjoni huwa riskju ghal min johrog il-kopertura u kwindi, hu mistenni illi min jitlob assigurazzjoni jkun onest mas-socjeta` ta' l-assigurazzjoni, u jaghtiha l-informazzjoni kollha materjali u rilevanti ghall-kaz u saret referenza ghal* ***Rozanes vs Bowen*** *deciza fis-sena 1928 mill-Qrati Inglizi, , fejn gie osservat illi:*

> *"It has been for centuries in England the law in connection with insurance of all sorts, that as the underwriter knows nothing and the man who comes to him to ask him to insure knows everything, it is the duty of the assured, the man who desires to have a policy, to make a full disclosure to the underwriters, without being asked, of all the material circumstances ... That is expressed by saying that it is a contract of the utmost good faith".*

*Fis-Sentenza fl-ismijiet* ***Charles Degiorgio noe vs Austin Agius et****, deciza nhar il-25 ta' Gunju 1962 per Onor. Mhallef Dr. Joseph H. Xuereb gie ritenut illi:*

> *"il-kuntratt ta' assigurazzjoni huwa meqjus bhala wiehed ta' l-aqwa bona fede u l-proponent ghandu jaghti risposta cara dwar dettalli illi jigu mistoqsija lilu espressament fil-proposal forms; anzi huwa generalment ritenut illi l-proponent huwa fid-dmir illi jsemmi kull fatt illi ragjonevolment ghandu jhoss illi huwa relevanti ghall-assiguratur illi jkun jaf, u dan anke jekk ma jkunx mistoqsi".*

*Vide ukoll sentenzi* ***SMS Insurance Agency Limited noe vs Marco Attard****, deciza nhar is-6 ta' Marzu 2006 per Onor.Mhallef Dr. Lino Farrugia Sacco; u* ***Antonio Zammit vs Joseph Micallef noe****, deciza nhar il-31 ta' Jannar 1952 mill- Qorti tal-Kummerc.*

*Illi l-Qorti ma tistghax ma taghmilx accenn ghal dak li ie ritenut minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta, f'sentenza tat-18 ta' Mejju, 2012 (Ċitazzjoni Numru:128/1999/1) fl-ismijiet* ***Middle Sea Insurance P.L.C vs Anthony Borg****:*

> *"Dwar il-kuntratt tal-assigurazzjoni, tajjeb li ji i osservat fil-li i dwar ilkuntratti tal-assigurazzjoni hemm provdut għal dawk is-sitwazzjonijiet fejn l-assiguratur jista' legalment jirrifjuta li jħallas pretensjoni talassigurat.... Strettament dawn huma biss sitwazzjonijiet fejn l- assigurat ikun wettaq xi frodi jew ma velax xi fatti materjali, jew għamel rappresentazzjoni ħazina ta' xi fatti materjali, jew xi ksur ieħor tad-dmir tal-uberrima fides."*

*Di piu l-onus probandi ghal tali frodi, misrapprezentazzjoni jew ksur iehor ta' dmir ta' uberrimae fides jaspetta lis-socjeta' assigurattrici.*

*Fir-rigward tal-principju ta' uberimma fides, jew utmost good faith, u r- rimedji applikabbli fil-kaz ta' ksur ta' dan l-obbligu, intqal fis-sentenza fl-ismijiet* ***Manifest Shipping & Co.Ltd v Uni-Polaris Insurance Co Ltd*** *deciza mill-Qorti tal-Appell Ingliz illi:*

> *"[i]t was common ground between assured and underwriters that the duty of utmost good faith continues to subsist after the making of the contract. There is less common ground as to the content of the duty or as to the remedy for breach of the duty. Whatever its origin, there is force in the argument that the scope of the duty of utmost good faith will alter according to whether underwriters have to make a decision under the policy or the assured decides to make a claim, and may also be affected according to the stage of the relationship at which the scope of the duty becomes material."*

*Huwa car illi dan l-obbligu ma jieqafx hekk kif jigi konkluz il-kuntratt bejn l-assikurat u lassikurazzjoni, izda jibqa' jissussisti sakemm tibqa' in ezistenza l-polza ta' assikurazzjoni. Kif qal l-Imhallef Hirst J fis- sentenza fl-ismijiet* ***Black King Shipping Corp v Massie (The Litsion Pride)*** *l-obbligu ta' uberrimae fidei huwa applikabbli "...whenever there is a contractual duty for the insured to give the underwriter information."Pero, kif jidher mill-izviluppi fil-gurisprudenza tal-Qrati Inglizi, l-obbligu ta' uberimmae fides u r-rimedji ghall-ksur ta' dan l- obbligu, huma limitati wara li jigi konkluz il-kuntratt, u partikolarment fir-rigward ta' claims frawdolenti intqal illi dawn il-kazijiet ghandhom jigu regolati b'referenza ghal principju illi wiehed m'ghandux jithalla jibbenefika mill-frodi tieghu.*

*Fil-gurisprudenza tal-Qrati Ingliza jidher ukoll li huwa accettat il- principju li l-obbligu ta' uberrima fides ma jorbotx biss lill-assikurat, izda anke li assikurazzjoni, u filfatt, fissentenza fl-ismijiet* ***Drake Insurance plc vs Provident Insurance plc*** *intqal illi:*

> *"[t]he doctrine of good faith should be capable of limiting the insurer's right to avoid in circumstances where that remedy...would operate unfairly...It may be necessary to give wider effect to the doctrine of good faith and recognize that its impact may demand that ultimately regard must be had to a concept of proportionality implicit in fair dealing."*

*Dan il-principju huwa filfatt accettat ukoll mill-Qrati Maltin kif jidher mis-sentenza fl-ismijiet* ***Gordon Borda vs Elmo Insurance Agency et*** *deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-25 ta' Mejju 2004 fejn intqal illi:*

> *"...il-prinipju ta' uberrima fides jorbot mhux biss lill-assikurat i da li - ewg partijiet, u l-qorti tara illi fl-imgieba taghha s-socjetà konvenuta qieghda twaqqa' dan il-principju minn wiehed ta' bona fides ghal wiehed purament mekkaniku li l-assikuratur jinqeda bih biex jehles mill-obbligazzjonijiet tieghu taht il-polza."*

*Kif tajjeb ifiehem Semin Park fil-**The Duty of Disclore in Insurance Contract Law** (1996) Dartmouth:*

> *"uberrimae fidei must not be indiscriminately used by insurers and judges as an excuse for ignoring insurance claims."*

*Dan il-principju gie riaffermat ripetutament minn dawn il-Qrati li sostnew illi l-principju ta' uberrimae fidei, cioe' utmost good faith, ma japplikax biss ghall-assigurat, izda japplika ukoll ghas-socjeta assiguratrici.*

*Hekk gie ritenut minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fis- sentenza tal-31 ta' Ottubru, 2007 fl-ismijiet **Andre Scerri pro et noe vs. Lloyd's (Malta) Limited noe**:*

> *"Illi fil-fatt jirrizulta għalhekk li l-obbligu ta' bona fede japplika għaz-zewg partijiet u din is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell ikkonfermat li s-soċjeta assikurattrici hija wkoll marbuta b'dan il-prinċipju ta' uberrima fides u b'hekk l-imgiba tas-socjeta assikurattriċi ma għandhiex tkun li twaqqa' dan il-prinċipju minn wieħed ta' bona fides għal wieħed purament mekkaniku li l-assiguratur jinqeda bih biex jeħles mill-obbligazzjonijiet tiegħu taħt il-polza...".*

*Vide wkoll* ***Bertu Camilleri et vs Harold Bartoli et nomine*** *(P.A. (TM) - 9 ta' Ottubru 2003);* ***Mario Mizzi nomine et vs. Mario Grech et nomine*** *(P.A. (PS) – 3 ta' Ottubru 2003);* ***Joseph Rizzo vs JohnFormosa nomine et*** *(P.A. (TM) – 3 ta' Ottubru 2002)".*

Abbazi ta' tali tghalim erudit redatt mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, il-Qorti ma ghandha ebda raguni illi tinoltra ruhha fil-konsiderazzjoni legali u ghalhekk tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet fattwali taghha ibbazati fuq il-principji hawn fuq enuncjati.

Ikkunsidrat

Jirrizulta, di fatti, illi mill-provi prodotti quddiem il-Qorti, ir-rikorrenti, qabel ma pprocediet biex tapplika biex taghmel polza tal-assikurazzjoni, kellha, fuq medda ta' hames snin qabel ma applikat ghal polza, erbgha incidenti awtomobilistici li fiha kienet involuta l-vettura TAXI 116, gia JTY 116.

Jirrizulta ukoll illi, hija u taghti l-informazzjoni lill min kien qieghed jghinnha timla l-applikazzjoni, ossija Daniel Schembri, mistoqsija jekk kellhiex incidenti bil-vettura fuq medda ta' hames snin qabel, hija ghazlet illi ma tirrispondix ghal tali domanda, bir-rizultat illi zammet mistur mis-socjeta intimata informazzjoni illi certament kienet tigi kkunsidrata mis-socjeta intimata hija u tevalwa r-riskju taghhom fl-ghoti tal-assikurazzjoni lir-rikorrenti.

Jirrizulta illi tali nuqqas da' parte tar-rikorrenti sar sabiex tahbi mis-socjeta intimata l-kazijiet illihija gia kellha, liema fatt, minnu nniffsu, ghandu jitqies bhala azzjoni intenzjonali da' parte tar-rikorrenti u ksur tal-'*uberrima fides*' illi hija l-bazi tar-relazzjoni ta' bejnha u s-socjeta intimata bhala assikuratrici taghha, liema ksur inevitabbilment jaghti dritt lis-socjeta intimata sabiex tirripudja l-polza minnha mahruga kif ukoll tirrifjuta illi tonora talbiet ghal hlas maghmulin fuq polza ottjenuta mir-rikorrenti fuq qerq u nuqqas ta' informazzjoni da' parte taghha.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi kien hemm fatti sostanzjali illi r-rikorrenti naqqset milli tgharraf lis-socjeta intimata, kemm meta applikat ghall-assikurazzjoni mas-socjeta intimata kif ukoll tul il-periodu illi fiha kienet assikurata il-vettura, liema nuqqas huwa sufficjenti biex il-Qorti tikkunsidra a favur tas-socjeta intimata l-argumentazzjoni minnha mressqa fejn iggustifikat ghaliex ma kienetx ser tonora kemm il-polza tal-assikurazzjoni u l-claim minnha maghmul, Nru 2015PRI1743, u li dwarha saret il-kawza odjerna.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotta quddiemha,

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tilqa** l-eccezzjonijiet tas-socjeta intimata, u ghalhekk

**Tichad** it-talba tar-rikorrenti.

**Spejjez** tal-proceduri odjerni ikunu kollha a kariku tar-rikorrenti.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur